TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 257/13/GB

**Stephen Schembri**

**vs**

**Cellphone**

Illum 18 ta' Dicembru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-29 ta' Ottubru, 2013 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mija u ghoxrin Ewro (€120.00) rapprezentanti l-prezz li huwa hallas ghal 'mobile phone' li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema 'mobile phone' kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

F'Novembru 2012, huwa kien xtara 'mobile phone' minghand is-socjeta' ntimata, liema 'mobile phone' irrizulta li kien difettuz. Illi ghalhekk ir-rikorrent mar lura ghand is-socjeta' ntimata, fejn hija ghamlet 'software update' pero' l-problema baqghet l-istess. Is-socjeta' ntimata ddecidiet li tbiddel il-'mobile phone' tar-rikorrent. Dan il-'mobile' kellu l-istess problema, u r-rikorrent gie nformat mill-kumpanija 'Samsung' barra minn Malta, illi l-problema kienet ta' min kien bieghhielu. Illi s-socjeta' ntimata rrifjutat li tonora l-garanzija.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tal-garanzija, li tinkludi l-prezz tal-'mobile phone' in kwistjoni, li giet immarkata bhala Dok.SS1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrent billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset milli taghti s-servizzi obligatorji lejn ir-rikorrent konsumatur, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' mija u ghoxrin Ewro (€120.00) lir-rikorrent, filwaqt li jordna lir-rikorrent jirritorna l-'mobile phone' in kwistjoni lis-socjeta' ntimata, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**